ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

# L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2022

## Ir-Raba' Sena — IL-MALTI — L-Iskema tal-Marki

| (A) L-Oral (20 MARKA) | |
|---|---|
| **Tweġibiet tal-mistoqsijiet** | |
| **1** | Ix-xwejjaħ kien iħobb jimxi fir-raba' kull filgħodu/joqgħod iħares lejn l-għasafar u jisma' għanjiethom. |
| **2** | Hu lemaħ għasfur imxarrab għasra f'rokna taħt ħajt. Ix-xwejjaħ twajjeb ġabru, ħadu miegħu d-dar, ħa ħsieb isaħħnu sewwa u tah xi ikel. |
| **3** | Reġa' ġie ħdejh biex jirringrazzjah ta' kulma għamel miegħu. |
| **4 u 5** | Tweġibiet varji |

| It-Tqassim tal-Marki tal-Qari Mgħajjat | | | |
|---|---|---|---|
| **Ir-ritmu tal-qari** | | | |
| 0 | **1** | **2-3** | **4** |
| Qari mlaqlaq, kelma kelma ma jinftehimx u donnu minn taħt l-ilsien. | Qari b'leħen ċar imma mhux dejjem mexxej. | Qari bis-sens, b'leħen ċar u b'ritmu mexxej fil-biċċa l-kbira tal-qari. | Qari bis-sens, b'leħen ċar, b'ritmu mexxej u b'kunfidenza tul il-qari kollu. |
| **Il-qari li jsegwi l-punteġġjatura** | | | |
| 0 | **1** | **2** | **3** |
| Il-qarrej qatt ma jimxi mas-sinjali tal-punteġġjatura u jibqa' għaddej bla ma jieqaf fejn suppost. | Il-qarrej mhux dejjem jimxi mas-sinjali tal-punteġġjatura u mhux dejjem jieqaf fejn suppost. | Il-qarrej jaqra tajjeb skont is-sinjali tal-punteġġjatura għalkemm f'xi waqtiet ma tinħassx kunfidenza biżżejjed. | Il-qarrej jaqra tajjeb skont is-sinjali tal-punteġġjatura b'kunfidenza u jaf it-tifsira tagħhom għax kapaċi jħaddimha tajjeb ħafna fil-qari tiegħu. |
| **Użu tajjeb tat-tonalità u l-waqgħat tal-leħen** | | | |
| 0 | **1** | **2** | **3** |
| Il-qarrej jaqra b'ton wieħed bla ma jbiddel il-vuċi skont it-test u ma jagħrafx fejn ipoġġi l-enfasi fuq il-vokali/konsonanti biex joħloq l-effett mixtieq. | Il-qarrej mhux dejjem jaqra b'ton wieħed u xi drabi jbiddel il-vuċi skont it-test u mhux dejjem jagħraf fejn ipoġġi l-enfasi fuq il-vokali/konsonanti biex joħloq l-effett mixtieq. | Il-qarrej jaf ibiddel it-ton skont it-test u jagħraf ipoġġi sewwa l-waqgħat tal-leħen fuq il-vokali/konsonanti biex jagħmel l-enfasi meħtieġa fil-parti l-kbira tal-qari tiegħu. | Il-qarrej jaf ibiddel it-ton skont it-test u jagħraf ipoġġi sewwa l-waqgħat tal-leħen fuq il-vokali/konsonanti biex jagħmel l-enfasi meħtieġa b'konsistenza tul il-qari kollu. |

| It-Tqassim tal-Marki tat-Taħdit | | |
|---|---|---|
| **1. Il-kompetenza fit-taħdit** | | |
| **0**<br>Id-diskors **ma**<br>• jinstemax u ma jinftihemx sewwa;<br>• fihx pronunzja tajba;<br>• fihx intonazzjoni tajba;<br>• jagħmilx enfasi fejn meħtieġ. | **1**<br>Id-diskors **mhux dejjem**<br>• jinstema' u jinftiehem sewwa;<br>• għandu pronunzja tajba;<br>• jinstema' b'intonazzjoni tajba;<br>• jagħmel enfasi fejn meħtieġ. | **2**<br>Id-diskors **dejjem**<br>• jinstema' u jinftiehem sewwa;<br>• jinstema' bi pronunzja tajba;<br>• jinstema' b'intonazzjoni tajba;<br>• issir enfasi fejn meħtieġ. |
| **2. Il-lessiku** | | |
| **0-1**<br>Jidher li hemm<br>• Ħakma **limitata u ripetuta** tal-lessiku marbut mat-tema;<br>• **Għadd kbir** ta' żbalji spissi fil-korrettezza grammatikali. | **2**<br>Jidher li hemm<br>• Ħakma **tajba minkejja xi ripetizzjonijiet** tal-lessiku marbut mat-tema;<br>• **Bi ftit żbalji** spissi fil-korrettezza grammatikali. | **3**<br>Jidher li hemm<br>• Ħakma **tajba u varjata** ħafna bla ripetizzjoni tal-lessiku marbut mat-tema;<br>• Bi **ftit li xejn** żbalji fil-korrettezza grammatikali. |
| **3. L-istruttura tad-diskors** | | |
| **0**<br>• Diskors b'sentenzi bi **struttura mħawda** li ma jagħmlux sens;<br>• Ftit li **xejn ideat** u ħafna ripetizzjoni tal-istess waħda/iet;<br>• **Bla ebda sens** ta' binja u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad. | **1**<br>• Diskors b'sentenzi bi **struttura tajba** imma xi drabi **ma jagħmlux sens mill-ewwel**;<br>• **Ftit ideat** li xi drabi jkunu ripetuti;<br>• **Ftit binja** u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad. | **2**<br>• Diskors b'sentenzi bi **struttura tajba** u li jagħmlu sens;<br>• **Għadd ta' ideat** bi ftit li xejn ripetizzjoni;<br>• **Binja tajba** u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad. |
| **4. Il-kontenut ippreżentat** | | |
| **0-1**<br>• **Ftit li xejn diskors korrett** marbut mat-tema;<br>• Fatti mogħtija **bla sekwenza;**<br>• **Qatt jew rari** jingħataw il-fehmiet tal-kelliem/a. | **2**<br>• **Deskrizzjoni tajba u fil-biċċa l-kbira tagħha hi korretta**, u taqbel mat-tema;<br>• Sekwenza tajba **bi ftit żbalji** tal-fatti mogħtija;<br>• **Xi drabi** jingħataw il-fehmiet tal-kelliem/a. | **3**<br>• **Deskrizzjoni tajba ħafna u korretta** mat-tema;<br>• **Sekwenza tajba** tal-fatti mogħtija;<br>• **Jingħataw** ukoll il-fehmiet tal-kelliem/a. |

| | |
|---|---|
| **Total minn 20 marka** | _____ |